# Filippu Tortell – Il-Perit Responsabbli mill-Bini tal-Knisja Parrokkjali

**Kitba ta' Alfred Ellul Galea**

Il-knisja parrokkjali ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid, l-akbar waħda fil-gżejjer Maltin, inbniet fi żmien 36 sena, b'waqfien mix-xogħol matul l-aħħar gwerra dinjija (1939-45). Ma' dawn tal-aħħar wieħed irid jgħodd sentejn oħra, bejn l-1926 u l-1928 meta nqalgħet il-kwistjoni dwar kemm tempju ta' dak il-kobor seta' jżomm fuq il-kolonni tal-ferro-konkrit minħabba li din it-teknika ġdida kienet għadha ma ntużat qatt f'pajjiżna.

Fil-pjan oriġinali, il-bini ta' 'knisja oħra, knisja akbar u isbaħ li tkun tixraq lill-parroċċa u li tagħmel unur lil sħabha', kellu jsir fl-istess post fejn kienet tinsab il-knisja qadima u storika ta' Sant'Ubaldeska mibnija fl-1630. Iżda l-ħsieb inbidel ħesrem minkejja li l-Perit Edwin Vassallo kien diġà ħejja l-pjanti.[1] Kien il-kappillan Dun Nerik Bonnici li bidel fehmtu wara parir tas-Sur Ġużè Damato u qatagħha li l-knisja l-ġdida għandha tinbena bejn il-Pjazza, *Tal-Borġ* u l-inħawi magħrufa b'*Ta Lampuka*.



Filippu Tortell, il-perit responsabbli mill-bini tal-knisja parrokkjali ġdida f'Casalo Nuovo, illum dedikata lil Kristu Re

Għalkemm il-pjanta tal-knisja ġdida ta' *Casal Nuovo* tħejjiet mis-Sur Ġużè Damato, id-direzzjoni u r-responsabbiltà tax-xogħol ta' dal-proġett kienu tħallew f'idejn il-Perit Furjaniż Filippu Tortell. Dan seħħ minħabba li Damato, minkejja l-istudji u l-esperjenza li kellu fil-qasam tal-kostruzzjoni li kiseb fit-Tuneżija fejn twieled, ma kellux *warrant*. Għaldaqstant ħtieġlu l-firma ta' perit Malti biex jinħarġu l-permessi mill-Uffiċċju tas-Saħħa Pubblika. Din ma kinitx ħaġa faċli, u l-ewwel żewġ periti li ġew avviċinati ma aċċettawx li jidħlu responsabbli għax-xogħol kif titlob il-liġi sanitarja. Iżda l-Perit Tortell offra li jressaq il-pjanti għall-approvazzjoni tal-awtorità konċernata, u wara li ffirmahom ġew approvati sabiex seta' jingħata bidu għax-xogħol fil-bini tal-knisja parrokkjali ġdida mingħajr dewmien.[2] B'dan l-intopp kbir solvut, ix-xogħol mexa b'ritmu mgħaġġel wara t-tqegħid ta' salib kbir tal-injam fuq pedestal fl-1 ta' April tal-1923 u l-ewwel ġebla tas-sisien fit-30 jum ta' xahrejn wara. Ix-xogħol tal-pedament dam sejjer 6 xhur u 'hemm fejn tqiegħdu ħmistax u fejn tletin filata taħt il-livell tal-qatran'.[3] Fl-24 ta' Frar ta' sena wara saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid l-ewwel ġebla tal-knisja li tbierket mid-Delegat tal-Isqof Monsinjur Angelo Portelli. Iċ-ċerimonja kienet maħsuba li ssir xahrejn qabel, iżda kienet tħassret minħabba l-maltemp.

Il-komunità Pawlista, li xtaqet li l-knisja ġdida tinbena f'qasir żmien, kienet fattur




Il-pjanta tal-knisja mħejjija mis-Sur Ġużè Damato u li l-bini tagħha beda fl-1923


Reference No 433/1923.

Public Health Office
Valletta, 21st July 1923.

I the undersigned L. S. A. do hereby declare that I assume the direction and responsibility of the works referred to in Building Notice No 433/1923 dated 30/6/23 in terms of Sub-clause 16 of Article ... the Police Laws as amended by Ordinance XV of 1919

Witness to signature

Filippo Tortell Per.

Il-permess iffirmat mill-Perit Tortell li permezz tiegħu seta' jibda x-xogħol tal-bini tal-knisja

importanti fit-twettiq ta' dal-proġett, kemm bl-għajnuna finanzjarja li offriet, kif ukoll bid-daqa t'id li tat fejn meħtieġ. Id-dħul mill-fieri bi premjijiet kbar li kienu jiġu organizzati u li għalihom kienu jattendu nies minn kull rokna tal-gżira, flimkien mal-ġbir li kien isir fost ir-residenti ta' Raħal Ġdid, għenu mhux ftit biex il-bini jimxi b'ritmu mgħaġġel. Kemm dan hu minnu qalu l-istess Isqof Don Mauro Caruana meta stqarr 'Miraklu f'Casal Paula' wara żjara li għamel f'Raħal Ġdid u sab li f'sena kienu telgħu 13-il filata fil-pedament, 13 il-filata fil-bini tal-knisja, barra minn 9 filati oħra moħbija taħt l-art'.[4] Ittra li dehret fil-ġurnal Il-Ħmar tal-11 ta' Ottubru tal-1924, Antonio Nicholas, President tal-Każin tal-Banda Antoine de Paule u membru tal-kumitat tal-'erigenda chiesa di Casal Paula, taħt il-psewdonimu 'Nick Carter', kiteb li l-prosit għandu jmur 'lill-ħaddiema ta' snajja' differenti li wara ġurnata ta' ħidma tagħhom imorru kuljum sad-9.00 p.m. jimmastizzaw u jippreparaw ix-xogħol għal kull għodwa... lil dawk li bit-taħbit tagħhom ta' kuljum kellhom il-ħila jiġbru bis-soldi mijiet ta' liri u onestament itellgħu l-isbaħ premju kull ġimgħa fil-pubbliku quddiem l-awtoritajiet kollha... lil min jibgħat flus u min oġġetti ta' valur meħtieġa għall-bini tal-knisja... lil dawk il-ħaddiema tad-*Dockyard* li kull ġimgħa jikkontribwixxu xi ħaġa bil-qalb...'.[5]

Sas-sena 1925 il-bini tal-kolonni u l-pilastri kien mexa 'l quddiem sew. Pilastri li l-kobor tagħhom u l-użu għall-ewwel darba tal-ferro-konkrit fil-gżejjer Maltin juru l-ħila u l-ġenju ta' Damato. Kull pilastru kien jieħu madwar 7,000 kilogramma ta' vireg tal-ħadid, 30,000 kg siment u 120,000 kg ta' żrar u ramel. Din l-istess teknika ntużat ukoll fil-bini tal-koppla kbira, fil-kolonni tal-portiku u fil-bibien tal-ġnub tal-istess knisja. Aktar tard is-Sur Ġużè Damato

għamel użu minn din it-teknika ġdida fil-bini tal-knejjes oħra fostna, fosthom dik tan-Nazzarenu f'Tas-Sliema. Din it-teknika Damato kien midħla sew tagħha u raha titħaddem mill-inġiniera Franċiżi fit-Tuneżija.

Tliet snin wara li beda x-xogħol tal-bini x-xogħol waqaf ħesrem minħabba ġriet ix-xniegħa li tempju ta' dak il-kobor ma setax iżomm fuq dawn il-kolonni. Qamu dubji kbar dwar il-ħiliet arkitettoniċi ta' Damato filwaqt li nibtu konflitti bejnu u l-kumitat[6] li kien waqqaf il-Kappillan Dun Salv Chircop biex jgħin fl-'*erigenda chiesa di Casal Paula*'. L-inkwiet issokta jikber bir-riżenja fl-1 ta' Awwissu tal-1926 ta' tliet membri ta' dal-kumitat. Inkwiet li sab ruħu mdaħħal fih ukoll il-Perit Tortell li kien responsabbli mix-xogħol tal-bini u li minħabba fiħ għadda minn waqtiet koroh.

Wara li x-xogħol waqaf għalkollox fis-6 ta' Awwissu tal-1926, ġimgħa wara l-Kurja Arċiveskovili waqqfet kummissjoni magħmula minn żewġ periti – il-Professur R.V. Galea u l-Kavallier R. Pitrè. Fl-ewwel jiem ta' Jannar tal-1927 iż-żewġ periti żaru u spezzjonaw il-bini tal-knisja l-ġdida. Fit-12 ta' Lulju tal-istess sena ħejjew ir-rapport tagħhom, flimkien ma' pjanta ta' kif kellha titkompla l-knisja. Rapport li kien kompletament kontra kif kien tiela' t-tempju dedikat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

Għar-rapport taż-żewġ periti maħtura mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi, wieġbu fit-tul il-Perit Damato u s-Sur Filippu Tortell. Fit-tweġiba li ta, is-Sur Ġużè baqa' jsostni l-pożizzjoni u l-ideat oriġinali tiegħu. Sadanittant il-bini dam wieqaf għal sentejn. Minkejja l-oppożizzjoni kbira li ħabbat wiċċu magħha, Damato baqa' konvint mill-



Il-qafas tal-azzar tal-kolonni kbar li wrew il-ħila u t-teknika kbira li s-Sur Damato kellu fl-użu tal-ferro-konkrit



Kolonni tal-ferro-konkrit lesti bil-kapitelli mqiegħda fuqhom

fehmiet tiegħu dwar din is-sura ta' bini'.[7] U l-qiegħa ssoktat tikkomplika ruħha bil-mewt tal-Kappillan Dun Salv Chircop nhar il-25 ta' Jannar tal-1928.

Iżda bil-wasla ta' Dun Nerik Bonnici, li kien serva bħala t-tielet kappillan ta' Raħal Ġdid u li ntbagħat fil-parroċċa bħala Amministratur biex jara kif tista' tissolva dil-problema, l-affarijiet ħadu xejra għall-aħjar. L-Amministratur ġab esperti li jifhmu fl-użu tal-ferro-konkrit[8] li taw raġun lil Damato u lil Tortell. B'hekk ix-xogħol seta' jissokta wara li Dun Bonnici, li f'dak il-perjodu kellu l-kariga ta' Arċipriet tar-Rabat, Malta, fada mill-ġdid f'idejhom ix-xogħol tal-bini tat-tempju. Għaldaqstant ix-xogħol seta' jerġa' jibda u fit-2 ta' Diċembru 1928 sar it-tberik tal-ewwel kolonna mill-Vigarju Ġenerali Monsinjur Luigi Camilleri. Il-kolonna nħadmet mill-ħaddiema tat-Tarzna u l-kolonni l-oħra, b'diversi benefatturi, tlestew f'Lulju ta' sena wara.[9]

Dwar il-kolonni, korrispondent f'ġurnal fl-ilsien Taljan f'dawk iż-żmenijiet kiteb li dawn juru l-kapaċita tas-Sur Damato u li '...joffru aspett ta' solidità qawwija' u '...jesprimu l-qawwa, l-għażla, l-eleganza u l-ħeffa, u huma hekk imponenti fil-linji u l-istil, li jidhru qishom magħżula għall-glorja tar-riti sagri'.[10]

Il-Perit Filippu Tortell twieled il-Furjana fil-21 ta' Lulju 1869. Huwa ħa t-tagħlim sekondarju fil-Liċeo u aktar tard fl-Università Rjali ta' Malta mnejn iggradwa bħala perit, dak iż-żmien magħruf bħala *Architetto Agrimensore*. Għal sittax-il sena sħaħ, bejn l-1914 u l-1930 kien impjegat bħala arkitett u inġinier ċivili fit-Tarzna ta' Malta. Fost xogħlijiet oħra, minbarra l-knisja parrokkjali ta' Raħal Ġdid, Tortell kien responsabbli mill-bini tal-kampnar il-ġdid tal-knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat, Malta. Il-kampnar inbena bejn l-1906 u l-1908 wara li l-antik beda jaqa' u għaldaqstant kellu jinbena ieħor ġdid floku.

Sena qabel ma qamet il-kwistjoni dwar il-bini tal-knisja parrokkjali ġdida fil-misraħ ta' *Casal Paula*, il-Kappillan Dun Salv Chircop kien qabbad lil Tortell biex jeżamina l-bini tal-Knisja ta' Sant'Ubaldeska u wara jħejji rapport dwarha peress li kienu jidhru xi fissuri fiha. Huwa kellu wkoll jissuġġerixxi rimedji u fl-istess waqt jikkumenta dwar l-istabbilità tagħha.

Fl-ewwel parti tar-rapport li ħejja u li jġib id-data tas-16 ta' Mejju 1925, il-Perit Tortell, jagħti tagħrif dettaljat u utli dwar kif inhi mibnija minn ġewwa. kif ukoll dwar il-faċċata tal-knisja ta' Sant'Ubaldeska. Dwar dil-knisja kiteb li: 'hi pjuttost sempliċi b'żewġ kampnari baxxi fil-ġnub. Fuq in-naħa ta' ġewwa tal-faċċata, maħruġa mill-ħajt u 'sorrette' mill-ġnub, hemm il-gallerija tal-orgni. Fuq din hemm tieqa f'forma ta' vano b'ħafna arkati tondi li wħud minnhom għandhom il-ħġieġ'.[11]

Il-Perit Filippu Tortell miet fl-14 ta' Jannar tal-1937. Tul l-inkarigu tiegħu bħala l-bniedem responsabbli mix-xogħol u l-bini tal-knisja parrokkjali ġdida ta' Raħal Ġdid, flimkien mas-Sur Ġużè, stinka u ta sehmu biex jingħelbu l-ostakli li xekklu t-tkomplija tal-bini tagħha. Huma wrew il-ħila arkitetonika tagħhom fit-twettiq tal-proġett ġgantesk li ssarraf fit-tempju maestuż, illum dedikat lil Kristu Re, fil-Pjazza Antoine de Paule.

Bħala turija ta' rikonoxximent mill-Pawlisti għall-impenn diffiċli li l-Perit Tortell daħal għalih, flimkien mas-Sur Ġużè Damato, fil-bini tal-knisja parrokkjali ta' Casal Paula, issemmiet triq għalih fin-naħa t'isfel ta' beltna. Ġieħ xieraq lil inġinier u arkitett li '...fuq spallejh waqgħet ir-responsabbiltà kbira'[12] tal-bini tal-knisja ġdida, dak iż-żmien iddedikata lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u llum lil Kristu Sultan.

**Riferenzi**

*Parroccia tar-Rahal Gdid*, nru.2, Ottubru 1919, p.1.
Permess maħruġ mill-Public Health Office, ref. No. 433/1923.
E.B. Vella, *Storja ta' }al Tarxien u Raħal Ġdid (Pawla)*, Malta, 1932, p.295.
*Il Hmar*, 11/10/1924, p.2.
*Idem*.
E.B. Vella, *op.cit.*, p.295.
M. Fsadni, *Id-Dumnikani Maltin fi Imien il-Gwerra*, Malta, 1977, p.79.
E.B. Vella, *op.cit.*, p.296.
A. Ellul Galea, *Raħal Ġdid – 5000 Sena ta' Storja 100 Sena Parroċċa*, Malta, 2009, p.54.
*Malta*, 'L'Erigenda Chiesa di Casal Paula', 1/12/1928, p.3.
Ara r-rapport li Filippo Tortell P.A.A.ħejja fis-16 ta' Mejju 1925 dwar l-istat tal-knisja parrokkjali ta' Sant'Ubaldeska, p.3.
*Malta*, 15/1/1929, p.2.

The Clubout

Opening Hours:
Tuesday to Friday: 9.00am - 6.00pm
Saturday: 9.00am - 3.00pm
Mondays: Closed

Contact MARK STAFRACE - 3, St Ubaldesca, Street, Paola Tel: 2167 6480




**Mariella**
Fruit and Veg

117, Palm Street, Paola
Mob: 9960 1972

Mon, Tue, Thur, Fri from 8.00 till 1.00 / 4.00 till 7.00
Wed, Sat half day